**12 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

John N. Cassar pr. et ne.

*versus*

Avukat Dr. Alessandro Stilon De Piro ne.

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rikonoxximent tad-Dejn — Ġurament — Kuratur — Art. 2265 tal-Kap. 23.**

*Il-kuratur ta' wirt battal jista' jagħti l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni qasira mingħajr ma jista' jiġi lilu deferit il-ġurament kontemplat mil-liġi kontra dik l-eċċezzjoni.*

*Lanqas jista' l-kuratur jirrinunzja għall-preskrizzjoni li tkun ġa kompjuta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.*

*Jekk mbgħad it-terminu tal-preskrizzjoni ikun għadu ma għaddiex meta l-kuratur jiġi nominat bħala tali, iż-żmien li għadda fil-ħajja tad-decujus, fl-assenza ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jgħodd anki għal dak il-kuratur bħala rappreżentant tal-wirt tad-decujus.*

*Jekk id-dejn ikun ġie rikonoxxut minn iben id-decujus, dak ir-rikonoxximent ma jiswiex biex jinterrompi l-preskrizzjoni kontra l-wirt ta' missieru, ladarba hu ma jkunx aċċetta dak il-wirt, u ma jirriżultax li hu qatt kellu mandat biex jirrikonoxxi d-dejn.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi hu kien għamel diversi forrituri lill-fuq imsemmi Nobbli Zimmermann Barbaro, konsistenti f'cars, "spare parts", petrol, żejt, xogħol u affarijiet oħra, u anki ħlasijiet għall-akkwist ta' liċenzi u premji ta' assikurazzjonijiet, u dan sija qabel l-aħħar gwerra kemm wara; u illi tal-istess fornituri hu kien jibgħat kontijiet regolarment lill-istess Nobbli Zimmermann Barbaro,

wara li kien jiddeduċi dak li jkun irċieva minn għandu; liema kontijiet kienu ġew approvati mill-istess Zimmermann Barbaro, tant illi, wara li kien siefer l-Ingilterra u ħalla bħala prokuratur tiegħu hawn Malta lil ċertu Francis Camilleri, kien hemm trattattivi biex dan iħallsu billi *jittrasferilu proprjetà immobiljari; u illi wara l-mewt tal-*istess Zimmermann Barbaro fl-Ingilterra, meta kien ġa telaq minn Malta l-imsemmi prokuratur tiegħu, huwa rrikorra lejn l-Onorabbli Qorti Ċivili Sekond'Awla biex tawtorizza lill-konvenut nomine jħallas l-ammont dovut, li hu ta' £687.13.11, kwantu għal £414.14.2 tal-kont qabel l-aħħar gwerra, u kwantu għal £272.19.9 tal-kont ta' warajha, iżda l-prelodata Qorti ordnatlu jipproċedi skond il-liġi (digriet numru 685 tal-1956); talab illi l-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu, fil-kwalitajiet premessi, is-somma fuq imsemmija ta' £687.13.11 għar-raġunijiet premessi; bl-interessi legali, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-14 ta' Novembru 1958, li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u lliberat lill-konvenut nomine mit-talbiet; bl-ispejjeż; billi kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ hi dik ta' ħames snin indikata mill-konvenut nomine, u dan iż-żmien — wisq aktar minnu — iddekorra mill-jum li fih setgħet ġiet esperita l-azzjoni sa dak li fih ġiet promossa bl-odjern att taċ-ċitazzjoni in data 14 ta' Jannar 1957, u ma kienx hemm l-ebda att kapaċi li jinterrompi l-preskrizzjoni da parti tal-konvenut;

Illi lanqas ma jirriżulta illi hemm ir-rikonjizzjoni tad-debitu da parti tal-konvenut, jew aħjar tal-pretiż debitur, li tirrinunzja għall-preskrizzjoni in korso jew għal dik kompjuta U difatti, mid-dokumenti fuq riferiti — fol 6 sal-fol. 20 tal-proċess — din żgur ma toħroġx; għaliex, jekk fihom hemm xi aċċenn għal dik li l-attur fix-xhieda tiegħu (fol. 49) semma bħala promessa ta' pagament. dan issuċċieda aktar il-hemm minn ħames snin qabel ma ġiet

esperita l-azzjoni, u ma jirriżultax li l-konvenut, kuratur tal-eredità ġjaċenti tal-imsemmi Nobbli Zimmermann Barbaro ammetta d-debitu; għall-kuntrarju, fl-ittra tiegħu tat-22 ta' *April* 1955, *diretta lill-konsulent legali tal-attur,* hu kiteb, wara li talab "statement" dettaljat tal-kreditu sabiex ikun jista' jirrikorri lejn il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għall-istruzzjoni meħtieġa:— "I have read the copy of correspondence attached to your letter of the 3rd December, 1953, and I frankly fail to trace any reason which might justify me in my above capacity to accept liability on behalf of the estate towards your client" (fol. 20). Riferibbilment, mbgħad, għall-promessa li l-attur xehed (fol. 50) *li għamillu iben l-imsemmi Zimmermann* Barbaro, dan, skond ix-xhieda tal-attur, avviċinat minnu meta kien hawn Malta, irrispondieh:— "Issa naraw ikunx hemm mnejn, u fil-każ titħallas". Però hu ta intuwittiva evidenza illi fiċ-ċirkustanzi dik il-persuna ma kellhiex il-potestà li tirrikonoxxi d-debitu;

Illi, fl-aħħarnett, u riferibbilment għall-osservazzjoni magħmula mill-abili difensur tal-attur waqt it-trattazzjoni orali tal-kawża, fis-sens *illi għandha tittieħed in konside*razzjoni ċ-ċirkustanza illi kienet għaddejja korrispondenza dwar il-kreditu pretiż bejn l-attur u l-prokuratur tan-Nobbli Zimmermann Barbaro, għall-ewwel, u mbgħad bejn l-istess attur, jew il-konsulent legali tiegħu, u l-konvenut nomine, u għalhekk ma sar da parti tiegħu ebda att ġudizzjarju, jista' wieħed jirrispondi illi, skond is-sistema ta' dritt imperanti, mhumiex rikonoxxuti atti oħra interruttivi *proċedenti mit-titolari* tad-dritt ħlief dawk imsemmijin fil-liġi. Jekk mill-imsemmija korrispondenza ma rriżultax ir-rikonoxximent tad-debitu fiż-żmien utili għall-preskrizzjoni, jew wara, l-attur, jekk forsi deherlu li seta' jottjeni r-rikonoxximent tal-kreditu tiegħu bil-kontinwazzjoni tal-korrispondenza mingħajr domanda ġudizzjarja, kellu l-mezz li jakkawtela ruħu kontra d-dekorriment taż-żmien li jagħti lok għall-preskrizzjoni, billi jiksirha almenu b'att ġudizzjarju notifikat lid-debitur, li bih juri biċ-ċar illi *kien bi ħsiebu jżomm id-dritt tiegħu;*

Illi, peress li l-konvenut hu kuratur, mhijiex applikabbli d-dispożizzjoni tal-art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili dwar il-ġurament;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ, u rat il-petizzjoni tal-istess attur appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tal-14 ta' Novembru 1958, u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-kreditu reklamat mill-attur ma ġew mogħtija ebda data preċiża u ebda kont, iżda, "ex admissis", parti tirrimonta għal qabel is-sena 1940, u parti għal wara, iżda ċertament qabel is-sena 1949. Mill-korrispondenza eżibita fil-proċess u mill-provi testimonjali li saru jirriżulta li fis-sena 1949 id-decujus kien ġa msiefer, u l-prokuratur tiegħu f'Malta, ċertu Camilleri, f'Diċembru 1949 kien ġa beda jirrofta li jirrikonoxxi dak id-dejn (fol. 9); u ftit wara emigra u mar l-Awstralja; fil-waqt illi fis-26 ta' Frar 1952 id-decujus miet. Sa dak iż-żmien ebda att ġudizzjarju biex jinterrompi l-preskrizzjoni ma kien sar mill-attur. L-ewwel att ġudizzjarju tal-attur relattiv għall-kreditu in kwistjoni kien rikors lis-Second'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sena 1956 (dok. fol. 36), u aktar tard iċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża preżenti. Sadattant l-attur ma bagħat ebda ittra uffiċjali (dep. attur fol. 50). B'inkejja tal-insistenzi kollha tal-attur u tal-avukat tiegħu, il-konvenut qatt ma ammetta l-kreditu tal-attur, u dejjem illimita ruħu li jitlob informazzjonijiet u provi dwar il-kreditu u rriżerva d-dritt tal-preskrizzjoni. Bl-ittra tat-22 ta' April, 1955, li l-konvenut kiteb lid-difensur tal-attur (dok. fol. 20), kien ċar li l-konvenut ma kienx jammetti l-kreditu tal-attur, u ried skjarimenti minn għand l-attur biex ikun jista' jirrikorri lejn il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għall-istruzzjonijiet dwar x'jagħmel;

Sadattant, it-terminu tal-preskrizzjoni, anki komputat minn Diċembru 1949, kien ġa għadda, u l-preskrizzjoni kienet kompjuta. Anzi mill-korrispondenza eżibita jidher li anki fis-sena 1949 il-prokuratur tad-decujus lan-

qas kellu fakoltà jirrikonoxxi l-kreditu tal-attur (dok. fol. 4, 9, 11), u fl-ittra tas-6 ta' Marzu 1950 dak il-prokuratur għarraf biss lill-attur bl-intenzjoni tad-decujus li jirriżolvi l-kwistjoni darba għal dejjem, u ma qallux li ried iħallas (dok. fol. 13). X'seta' fehem id-difensur tal-attur ma jgħodd xejn, għax l-atteġġjament tal-konvenut jidher li kien ċar, u dejjem dak li ma jammetti u jirrinunzja għal xejn;

Ikkunsidrat;

Illi, sa almenu mis-sena 1881, il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti affermat dejjem il-prinċipju li l-kuratur ta' wirt battal jista' jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qasira, mingħajr ma jista' jiġi lilu deferit il-ġurament kontemplat fl-art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili (ara sentenza ta' dil-Qorti taż-17 ta' Ġunju 1881 in re "Dr. Francesco Sammut vs. Dr. Rocco Peralta", Kollez. IX, p. 459; tat-22 ta' Frar 1892 in re "Fta. Calleja et. vs. Ant. Mangion ne.", Vol. XIII, p. 112, 113; tal-11 ta' Ġunju 1909 in re "Satariano vs. Albanese et.", Vol XX-I-213; tal-11 ta' April 1932 in re "Prof. G. Debono vs. Dr. Naudi ne."; tas-7 ta' Frar 1938 in re "Massa vs. Ellul ne." Vol. XXX-I-27). Għaldaqstant, il-konvenut nomine kellu d-dritt kollu jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin; u ċertament lanqas ma seta' jirrinunzja għall-preskrizzjoni li tkun ġa kompjuta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, għax b'rinunzja simili jiġi qiegħed jaljena dritt tal-wirt minnu rappreżentat;

Xejn ma jiswa li, meta l-konvenut laħaq kuratur, itterminu tal-preskrizzjoni kien għadu ma għalaqx; għax skond il-liġi, meta l-preskrizzjoni tiġi nterrotta terġa tibda tgħaddi wara l-att interruttiv, u ż-żmien mgħoddi f'ħajjiet id-decujus, fl-assenza ta' interruzzjoni, jgħodd anki għar-rappreżentant tal-wirt tiegħu;

Fl-aħħarnett, jekk stess, kif qal l-attur, bin id-decujus fiż-żmien utili għall-preskrizzjoni rrikonoxxa b'xi mod il-kreditu tal-attur, dan ir-rikonoxximent ma għandu ebda utilità għall-attur, għax bin id-decujus ma aċċettax il-wirt

ta' missieru, u ma jirriżultax li qatt kellu xi mandat biex jirrikonoxxi d-dejn;

Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija *mill-konvenut appellat ma tistax tiġi miċħuda;*

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur.